

# L-Artal ta' Santa Marija fil-Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla

*Is-Sur Mario Fenech*

L-artal ta` Santa Marija fil-bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla

Fuq wieħed mill-artali li hemm fin-navi tal-bażilika ta` Marija Bambina fl-Isla hemm kwadru antik tal-artist Stefano Erardi.

Dan l-artal li huwa ddedikat lil Marija Assunta hemm min jirreferi għalih ukoll bħala l-artal ta' Sant'Anna.

L-artal ta' Santa Marija kien hemm minn dejjem f` din il-Knisja, tant hu hekk li jissemma qabel ma l-Knisja saret parroċċa. Fis-sena 1602 kien tressaq minn fejn kien qrib il-bieb ta' barra u ġie mressaq aktar 'il fuq fl-istess naħa tal-lemin tal-artal maġġur.

Dak iż-żmien il-kwadru kien juri lil Marija Assunta flimkien ma' San Ġwann u Santa Katerina. Kien ħa ħsieb li jitwaqqaf dan l-artal ċertu Wenzu Falzon li ħadem qatigħ biex jara li dan l-artal ma jkun jonqsu xejn. Kompla jieħu ħsieb l-artal ibnu Ġannkarlu. Dan kien ħa ħsieb li jibdel il-Kwadru ta' fuq l-artal ma' wieħed aħjar fis-sena 1608. Ma nafux x`sar minn dan il-kwadru wara li tpoġġa fil-post dak li hemm il-lum u li fortunatament ma ntilifx meta l-Knisja kważi ġġarrfet għal kollox waqt it-Tieni Gwerra Dinija.



Fil-kwadru ta` fuq l-artal il-figura ta' Marija Assunta hija waħda sabiħa ħafna. Il-Madonna bil-qiegħda fuq tron ta' sħab abjad qiegħda tintrefa 'il fuq lejn is-sema minn numru t'anġli żgħar. Fil-parti t'isfel tat-tila fuq in-naħa tax-xellug il-figura ta' Sant'Anna fil-waqt li fuq in-naħa tal-lemin il-figura ta' San Karlu Borromeo li kien Arċisqof ta` Milan u ddikjarat qaddis mill-Papa Pawlu V fis-sena 1610. Sant'Anna tidher fix-xena minħabba l-fatt li hi kienet omm Marija.

San Karlu Borromeo jidher f` dan il-kwadru għaliex dan kellu l-artal tiegħu fi żmien il-Kappillan Talavera. Fuq dan l-istess artal kienet twaqqfet il-fratellanza tiegħu fl-ewwel sena tat-twaqqif tal-parroċċa.

Din kienet il-tielet fratellanza li twaqqfet wara dik tas-Sagrament u tal-Madonna tar-Rużarju. Maż-żmien din il-fratellanza spiċċat fix-xejn u kull ma baqa' biex jiġi mfakkar dan il-qaddis hija din ix-xbiha tiegħu fil-kwadru ta' Marija Assunta.

L-artal waqt il-jiem tal-festa ta' Marija Bambina jkun armat b`sett gandlieri tal-metall maħsula bil-fidda u erba' stawetti. Sa ftit taż-żmien ilu kif jidher fir-ritratt li qiegħed jidher ma' dan l-artiklu, kien hem sotto kwadru ta' Santa Tereża. Dan tpoġġa fuq artal ieħor biex minn floku tqiegħed il-kwadru ta' San Ġorġ Preca.

Jintrama wkoll bħalma jintramaw mal-artali kollha ta' din il-bażilika, vintartal tal-fidda li fil-parti tan-nofs tiegħu hemm il-figura ta' Sant'Anna.

Meta wieħed jifli sew il-fugura tal-Assunta li hemm f` dan il-kwadru jinnota x-xebh kbir li hemm ma' żewġ kwadri oħrajn li pinġa l-artist Michele Busuttil snin wara li kien lesta dan il-kwadru Stefano Erardi għal knisja ta` Santa Marija magħrufa bħala ta' "Duna" f` Ħal-Lija u l-kwadru titulari tal-Katidral tal-Belt Victoria f` Għawdex.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.